MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1153/2003

Kawza fil-lista: 18

**A B**
**vs**
**C D E, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati b' digriet tal-24 ta' Settembru 2004 sabiex jirrapprezentaw lill-minuri F E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi fit-23 ta' Awissu 2001 twieled tifel, F, skond ic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok. A;

Premess illi l-attrici A B u l-konvenut C D E sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 25 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono (Dok. B);

U premess illi ghalkemm ic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija hu l-konvenut C D E, fil-fatt il-minuri gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni li l-attrici kellha ma terza persuna;

U premess illi l-fatt li l-konvenut C D E m' huwiex il-missier naturali tal-minuri F kif jista' jigi stabbilit permess ta' testijiet genetici apposta;

U premess illi l-attrici ghandha interess li dan l-istat ta' fatt jigi rifless fic-certifikat tat-twelid tal-minuri;
Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut C D E m' huwiex il-missier naturali tat-tifel F li twieled fit-23 ta' Awissu 2001;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri F (Att Nru 3842 tal-2001) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier F tikkancella l-isem 'C D E' u tissostitwih bil-frazi 'missier mhux maghruf' u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghal isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghall-missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew min minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi

dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi f' dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut C D E li biha, filwaqt li rresgistra l-qbil tieghu mat-talba attrici, "stante illi huwa minnu li huwa mhuwiex il-missier naturali tat-tifel F"[1] eccepixxa li huwa m' ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda, ta' dawn il-partijiet;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert xjentifiku Dottor Renald Blundell minnu debitament mahlufa;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri F li twieled fit-23 ta' Awissu 2001, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D E kif erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tal-minuri; u

[1] Fol.51
[2] Fol.54 *et seq.*

talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid numru 3842/2001

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003*.

Mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attrici u l-konvenut C D E kienu zzewwgu fis-6 ta' Mejju 2000, izda kienu sseparaw de facto f' Settembru 2000; u fil-25 ta' Mejju 2001 isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Joseph Debono, fejn l-attrici kienet iddikjarat li hija kienet incinta minn relazzjoni ntima li kellha ma terza persuna.

Fl-affidavit taghha l-attrici kkonfermat li l-minuri F mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D E. Dan fl-affidavit tieghu, spjega li minn Ottubru 2000 sa' Ottubru 2001 huwa kien qed jghix gewwa San Blas fi programm ta' rijabilitazzjoni. "Nghid illi ghal anqas <u>ghall-ewwel sitt xhur</u> tal-programm jiena ma kontx nista' nohrog minn San Blas u lanqas seta' jkolli vizitaturi. Kont assolutament maqtugh mid-dinja."[3] Huwa jkompli jghid li "certament it-tarbija ma kienitx tieghi ghaliex fiz-zmien li giet koncepita, jiena kont ghaddej bil-programm u ma kellix relazzjonijiet ma hadd, wisq anqas ma' l-istess A."[4]

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' l-attrici, tal-minuri u ta' C D

---

[3] Fol.64 – sottolinear tal-Qorti
[4] Ibid

E, jikkonferma t-tesi attrici li F mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut C D E; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri;

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri F li twieled fit-23 ta' Awissu 2001, mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut C D E; u konsegwenzjalment tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 3842/2001 tal-minuri F billi jitnehha l-isem u l-konnotati tal-konvenut C D E, u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf".

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------